Stampa u Informazzjoni

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 75/20**
il-Lussemburgu, 25 ta' Ġunju 2020

Sentenza fil-Kawża C-36/20 PPU
Ministerio Fiscal

# L-awtoritajiet ġudizzjarji li għandhom jagħtu deċiżjoni dwar it-tqegħid f'detenzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz f'sitwazzjoni irregolari jistgħu jirċievu applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali u għandhom jinformaw lill-persuna kkonċernata bil-modalitajiet konkreti ta' kif tiġi ppreżentata tali applikazzjoni.

*Il-persuna li tkun uriet ir-rieda tagħha li titlob il-protezzjoni internazzjonali quddiem awtoritajiet kompetenti sabiex jirċievu din l-applikazzjoni ma tistax titqiegħed f'detenzjoni minħabba li ma jkunx hemm postijiet suffiċjenti f'ċentru ta' akkoljenza umanitarja.*

**Fis-sentenza Ministerio Fiscal** (Awtorità li tista' tirċievi applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali) (C-36/20 PPU), mogħtija fil-25 ta' Ġunju 2020 fil-kuntest tal-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari (PPU), **il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li qorti istruttorja adita sabiex tagħti deċiżjoni dwar it-tqegħid f'detenzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz f'sitwazzjoni irregolari taqa' taħt il-kunċett ta' "awtoritajiet oħra"**, fis-sens tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2013/32[1] (iktar 'il quddiem id-"Direttiva 'proċeduri'"), **li x'aktarx jirċievu applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali minkejja li ma jkollhomx il-kompetenza, taħt il-liġi nazzjonali, sabiex jirreġistrawhom. Għal dan il-għan, qorti istruttorja hija obbligata tinforma lill-applikant dwar il-modalitajiet konkreti ta' kif tiġi ppreżentata tali applikazzjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll li l-fatt li jkun impossibbli li tinstab akkomodazzjoni f'ċentru ta' akkoljenza umanitarja ma jistax jiġġustifika t-tqegħid ta' applikant għal protezzjoni internazzjonali f'detenzjoni.**

Fit-12 ta' Diċembru 2019, dgħajsa li abbord kellha 45 ċittadin ta' pajjiżi terzi, fosthom VL, ċittadin tal-Mali, ġiet interċettata mill-awtorità ta' salvataġġ marittimu Spanjola qrib il-Gżira tal-Gran Canaria (Spanja), fejn ittieħdu l-imsemmija ċittadini. L-għada, awtorità amministrattiva ordnat it-tneħħija ta' dawn iċ-ċittadini u ressqet talba quddiem il-Juzgado de Instrucción nº 3 de San Bartolomé de Tirajana (il-Qorti Istruttorja Nru 3 ta' San Bartolomé de Tirajana, Spanja) sabiex jitqiegħdu f'ċentru ta' detenzjoni. Wara li din il-qorti informatu bid-drittijiet tiegħu, VL għarrafha bl-intenzjoni tiegħu li jitlob protezzjoni internazzjonali. Minħabba nuqqas ta' postijiet suffiċjenti f'ċentri ta' akkoljenza umanitarja, din l-istess qorti ordnat li VL jitqiegħed f'ċentru ta' detenzjoni għall-barranin, fejn kellha tiġi ttrattata l-applikazzjoni tiegħu għal protezzjoni internazzjonali. VL imbagħad ressaq rikors, quddiem l-imsemmija qorti, kontra d-deċiżjoni li jitqiegħed f'detenzjoni, minħabba li din kienet inkompatibbli mad-Direttiva "proċeduri" kif ukoll mad-Direttiva 2013/33[2] (iktar 'il quddiem id-"Direttiva 'akkoljenza'"). Fil-kuntest ta' dan ir-rikors, din il-qorti għamlet rinviju għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tistaqsi b'mod partikolari dwar il-kwistjoni ta' jekk hija taqax taħt il-kunċett ta' "awtoritajiet oħra", fis-sens tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva "proċeduri" u, għaldaqstant, jekk hija kinitx tista' tirċievi applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali. Hija saqsiet ukoll lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-legalità tat-tqegħid ta' VL f'detenzjoni.

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-interpretazzjoni letterali tal-kunċett ta' "awtoritajiet oħra" li x'aktarx jirċievu [applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali]", fis-sens ta' din id-

[1] Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (ĠU 2013, L 180, p. 60).
[2] Direttiva 2013/33/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali (ĠU 2013, L 180, p. 96).

dispożizzjoni, u b'mod partikolari l-għażla tal-aġġettiv "oħra", tixhed ir-**rieda tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jżomm kunċett wiesa' tal-awtoritajiet li, mingħajr ma jkunu kompetenti sabiex jirreġistraw tali applikazzjonijiet, ikunu madankollu jistgħu jirċevuhom. Din l-espressjoni tista', għaldaqstant, tkopri kemm l-awtoritajiet amministrattivi kif ukoll dawk ġudizzjarji.** Din il-konstatazzjoni hija kkorraborata minn interpretazzjoni kuntestwali tal-imsemmija dispożizzjoni. Fil-fatt, **wieħed mill-għanijiet imfittxija mid-Direttiva "proċeduri" huwa li jiġi ggarantit aċċess effettiv, jiġifieri aċċess faċli kemm jista' jkun, għall-proċedura ta' għoti tal-protezzjoni internazzjonali. Issa, jekk awtorità ġudizzjarja tiġi pprojbita milli tirċievi applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali, dan jostakola t-twettiq ta' dan il-għan,** b'mod partikolari għal dak li jirrigwarda proċeduri mħaffa ħafna, li fihom is-smigħ tal-applikant minn qorti jista' jkun l-ewwel okkażjoni sabiex jiġi invokat id-dritt li jagħmel tali applikazzjoni. Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li qorti istruttorja adita sabiex tagħti deċiżjoni dwar it-tqegħid f'detenzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz f'sitwazzjoni irregolari għall-finijiet tar-refoulement tiegħu, tinsab fost l-"awtoritajiet oħra" li jkunu jistgħu jirċievu applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat l-obbligi imposti fuq tali qorti istruttorja fil-kwalità tagħha ta' "awtorità oħra". Hija kkonstatat li mit-tieni u mit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva "proċeduri" jirriżulta, minn naħa, li **din il-qorti hija obbligata tipprovdi lill-applikanti għal protezzjoni internazzjonali informazzjoni dwar il-modalitajiet konkreti ta' kif tiġi ppreżentata tali applikazzjoni. Għaldaqstant, din il-qorti tikkonforma ruħha mar-rekwiżiti ta' din id-direttiva meta tieħu l-inizjattiva li tinfoma lil ċittadin ta' pajjiż terz bid-dritt li għandu li jitlob protezzjoni internazzjonali.** Min-naħa l-oħra, meta ċittadin ikun wera r-rieda tiegħu li jagħmel tali applikazzjoni quddiem qorti istruttorja, din għandha tittrażmetti l-fajl lill-awtorità kompetenti għall-finijiet tar-reġistrazzjoni tal-imsemmija applikazzjoni sabiex dan iċ-ċittadin ikun jista' jibbenefika mill-kundizzjonijiet materjali ta' akkoljenza u ta' kura tas-saħħa previsti fl-Artikolu 17 tad-Direttiva "akkoljenza".

Fit-tielet lok, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat il-kompatibbiltà tat-tqegħid ta' VL f'detenzjoni mad-Direttivi "proċeduri" u "akkoljenza". Hija l-ewwel nett irrilevat li minn dawn id-direttivi jirriżulta li **għandha tingħata tifsira wiesgħa tal-kunċett ta' "applikant għal protezzjoni internazzjonali" biex b'hekk ċittadin ta' pajjiż terz jikseb din il-kwalità mill-mument li jagħmel applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali.** Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat, barra minn hekk, li **l-azzjoni li "ssir" tali applikazzjoni ma teħtieġ ebda formalità amministrattiva. Għaldaqstant, il-fatt li tali ċittadin juri r-rieda tiegħu li jitlob il-protezzjoni internazzjonali quddiem "awtorità oħra", bħal qorti istruttorja, huwa biżżejjed sabiex jagħtih il-kwalità ta' applikant għal protezzjoni internazzjonali.**

Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li mid-data li fiha VL għamel l-applikazzjoni tiegħu għal protezzjoni internazzjonali, il-kundizzjonijiet għad-detenzjoni tiegħu saru rregolati mill-Artikolu 26(1) tad-Direttiva "proċeduri" kif ukoll mill-Artikolu 8(1) tad-Direttiva "akkoljenza". Minn qari ta' dawn id-dispożizzjonijiet flimkien jirriżulta li l-Istati Membri ma jistgħux iqiegħdu persuna f'detenzjoni minħabba s-sempliċi raġuni li tkun applikant għal protezzjoni internazzjonali u li r-raġunijiet u l-kundizzjonijiet għad-detenzjoni kif ukoll il-garanziji mogħtija lill-applikanti mqiegħda f'detenzjoni għandhom ikunu konformi mad-Direttiva "akkoljenza". Issa, sa fejn l-lewwel subparagrafu tal-Artikolu 8(3) ta' din id-direttiva tal-aħħar jelenka b'mod eżawrjenti d-diversi raġunijiet li jistgħu jiġġustifikaw tqegħid f'detenzjoni u sa fejn il-fatt li jkun impossibbli li tinstab akkomodazzjoni f'ċentru ta' akkoljenza umanitarja għal applikant għal protezzjoni internazzjonali ma jikkorrispondi għal ebda wieħed mis-sitt raġunijiet għal detenzjoni msemmija f'din id-dispożizzjoni, **it-tqegħid f'detenzjoni ta' VL kien imur, fil-każ ineżami, kontra r-rekwiżiti tad-Direttiva "akkoljenza"**.

---

**TFAKKIRA:** Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma tiddeċidix il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

www.curia.europa.eu

*It-test sħiħ tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza*

*Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355*